Nru./No. 21,255
Prezz/Price
€3.60

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 4 ta' Ġunju, 2024
Tuesday, 4th June, 2024

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 13,501 - 13,515
Government Notices ..... *13,501 - 13,515*

Avviżi tal-Pulizija ..... 13,515 - 13,522
Police Notices ..... *13,515 - 13,522*

Avviżi lill-Baħħara ..... 13,523 - 13,524
Notices to Mariners ..... *13,523 - 13,524*

Opportunitajiet ta' Impjieg ..... 13,524 - 13,531
Employment Opportunities ..... *13,524 - 13,531*

Avviżi tal-Gvern ..... 13,531 - 13,534
Notices ..... *13,531 - 13,534*

Offerti ..... 13,534 - 13,537
Tenders ..... *13,534 - 13,537*

Avviżi tal-Qorti ..... 13,537 - 13,576
Court Notices ..... *13,537 - 13,576*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 665

REGOLAMENTI TAL-2023 DWAR IL-KUNSILL MALTI GĦAS-SIGURTÀ FIT-TOROQ
(A.L. 276 tal-2023)

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi, bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-Artikolu 3 tar- Regolamenti tal-2023 dwar il-Kunsill Malti għas-Sigurtà fit-Toroq (A.L. 276 tal-2023), il-Ministru għat-Trasport, Infrastruttura u Xogħlijiet Pubbliċi għamel dawn il-ħatriet li ġejjin bħala membri tal-Kunsill Malti għas-Sigurtà fit-Toroq:

Chairperson
Dott. Therese Bajada

Viċi Chairperson
Dott. Mario Buttigieg

Membri
L-Ispettur Nicholas Vella
Is-Sa Jeanette Axisa
Il-Perit Kylie Ann Borg Marks
Is-Sur Adrian Galea
Is-Sur Joseph Calleja
Il-Prof. Charmaine Gauci
Dott. Jonathan Joslin
Dott. Monique Debattista
Sur Glen Gauci
Dott. Bernard Busuttil
Is-Sa Lucienne Calleja
Is-Sur Mario Fava
Is-Sur Manuel Tabone

Segretarja
Is-Sa Denise Fiorentino

Dawn il-ħatriet jibqgħu validi għal perjodu ta' tliet snin b'seħħ mill-10 ta' Mejju, 2024.

L-4 ta' Ġunju, 2024

GOVERNMENT NOTICES

No. 665

MALTA ROAD SAFETY COUNCIL REGULATIONS
(L.N. 276 of 2023)

IT is notified for general information that, in exercise of the powers conferred by Article 3 of the Malta Road Safety Council Regulations, 2023 (L.N. 276 of 2023), the Minister for Transport, Infrastructure and Public Works has made the following appointments as members of the Malta Road Safety Council:

Chairperson
Dr Therese Bajada

Deputy Chairperson
Dr Mario Buttigieg

Members
Insp. Nicholas Vella
Ms Jeanette Axisa
Perit Kylie Ann Borg Marks
Mr Adrian Galea
Mr Joseph Calleja
Prof. Charmaine Gauci
Dr Jonathan Joslin
Dr Monique Debattista
Mr Glen Gauci
Dr Bernard Busuttil
Ms Lucienne Calleja
Mr Mario Fava
Mr Manuel Tabone

Secretary
Ms Denise Fiorentino

These appointments remain valid for a period of three years with effect from the 10th May, 2024.

4th June, 2024

Nru. 666

ATT DWAR IL-ĠUSTIZZJA AMMINISTRATTIVA
(KAP. 490)

Elenki fit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva

NGĦARRFU illi skont l-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva, ġiet approvata l-ħatra tal-Elenki ta'

No. 666

ADMINISTRATIVE JUSTICE ACT
(CAP. 490)

Panels on the Administrative Review Tribunal

IT is notified that in terms of the Administrative Justice Act, the appointment of Panels of Assistants within the

Assistenti fit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva għal perjodu ta' 4 snin mis-27 ta' Frar, 2024 kif ġej:

Elenku dwar l-Agrikoltura
Is-Sur Noel Azzopardi
Dott. Anthony Gruppetta
Dott. Mario Spiteri

Elenku dwar l-Innovazzjoni Diġitali
Is-Sur John Abela
Is-Sur Keith Cutajar

Elenku Fiskali
Is-Sa Josephine Borg
Is-Sur Spiridione Galea
Is-Sur John Mifsud

Elenku dwar il-Logħob
Dott. Victoria Cuschieri
Is-Sur Keith Cutajar
Is-Sur Ian Gauci

Elenku dwar Ġuriżdizzjoni Ġenerali
(Libreriji)
Is-Sa Therese Attard Previ
Is-Sa Mary Camilleri
Is-Sur Nazzareno Farrugia
Is-Sur Robert Mizzi
Is-Sur Michael Sultana

(Ko-operattivi)
Dott. Daniela Mangion

Elenku dwar is-Saħħa
Dott. Karl Causon
Dott. Joseph Pace
Dott. Vincent Zammit

Elenku dwar l-Artijiet
(Avukati)
Dott. David Bonello
Dott. Natasha Buontempo
Dott. Joseph Calleja
Dott. Vicky Cuschieri
Dott. Joseph Fenech
Dott. Simon Galea Testaferrata
Dott. Roberta Fenech Gauci
Dott. Stephen Muscat
Dott. Ian Vella Galea

(Periti)
Il-Perit Dylan Agius

Administrative Review Tribunal was approved for a period of 4 years from the 27th February, 2024 as follows:

Agriculture Panel
Mr Noel Azzopardi
Dr Anthony Gruppetta
Dr Mario Spiteri

Digital Innovation Panel
Mr John Abela
Mr Keith Cutajar

Fiscal Panel
Ms Josephine Borg
Mr Spiridione Galea
Mr John Mifsud

Gaming Panel
Dr Victoria Cuschieri
Mr Keith Cutajar
Mr Ian Gauci

General Jurisdiction Panel
(Libraries)
Ms Therese Attard Previ
Ms Mary Camilleri
Mr Nazzareno Farrugia
Mr Robert Mizzi
Mr Michael Sultana

(Co-operatives)
Dr Daniela Mangion

Health Panel
Dr Karl Causon
Dr Joseph Pace
Dr Vincent Zammit

Lands Panel
(Lawyers)
Dr David Bonello
Dr Natasha Buontempo
Dr Joseph Calleja
Dr Vicky Cuschieri
Dr Joseph Fenech
Dr Simon Galea Testaferrata
Dr Roberta Fenech Gauci
Dr Stephen Muscat
Dr Ian Vella Galea

(Periti)
Perit Dylan Agius

Il-Perit Ruben Paul Borg
Il-Perit Mark Camilleri
Il-Perit Karl Cutajar
Il-Perit Daniel Darmanin
Il-Perit Gerald Debono
Il-Perit Philip Grech
Il-Perit David Grima
Il-Perit David Pace
Il-Perit Valeriano Schembri

Elenku dwar il-Media u l-Arti
Is-Sur Charles Mangion
Is-Sur Achille Mizzi
Is-Sur Laurence Mizzi
Is-Sa Sarah Anne Young
Is-Sur Trevor Zahra

Elenku dwar ir-Regolamentazzjoni tal-Professjonijiet
Is-Sur Saviour M. Baldacchino
Dott. Ivan Grixti
Is-Sur Franco Montesin
Is-Sur Ray Vassallo
Is-Sur Norman Zammit

Elenku dwar il-Prodotti u s-Servizzi
Is-Sur John Buttigieg

Elenku dwar ir-Regolamentazzjoni
Is-Sur Alexander Galea
Is-Sur Matthew Spiteri

Elenku dwar it-Trasport
Is-Sur John Buttigieg

L-4 ta' Ġunju, 2024
(MJHA 166/2008/IV)

Perit Ruben Paul Borg
Perit Mark Camilleri
Perit Karl Cutajar
Perit Daniel Darmanin
Perit Gerald Debono
Perit Philip Grech
Perit David Grima
Perit David Pace
Perit Valeriano Schembri

Media and the Arts Panel
Mr Charles Mangion
Mr Achille Mizzi
Mr Laurence Mizzi
Ms Sarah Anne Young
Mr Trevor Zahra

Professions' Regulation Panel
Mr Saviour M. Baldacchino
Dr Ivan Grixti
Mr Franco Montesin
Mr Ray Vassallo
Mr Norman Zammit

Products and Services Panel
Mr John Buttigieg

Regulation Panel
Mr Alexander Galea
Mr Matthew Spiteri

Transport Panel
Mr John Buttigieg

4th June, 2024

Nru. 667

AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikati fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nru. 21,250 tat-28 ta' Mejju, 2024 (Avviżi Legali 117 sa 122) u l-Gazzetta tal-Gvern Nru. 21,252 tal-31 ta' Mejju, 2024 (Avviżi Legal 123 sa 127) rispettivament.

A.L. 117 tal-2024: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); L-Ordinamenti tal-2024 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-

No. 667

LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the Government Gazette No. 21,250 of 28th May, 2024 (Legal Notices 117 to 122) and Government Gazette No. 21,252 of 31st May, 2024 (Legal Notices 123 to 127) respectively.

L.N. 117 of 2024: Education Act (Cap. 327); Bye-Laws of 2024 to amend the Bye-Laws of 2023 in terms of the General

2023 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għall-Grad ta' Bachelor of Commerce – B. Com. – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Ekonomija, il-Management u l-Accountancy.

Regulations for University Undergraduate Awards, 2019 for the Degree of Bachelor of Commerce – B.Com. – under the auspices of the Faculty of Economics, Management and Accountancy.

A.L. 118 tal-2024: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); L-Ordinamenti tal-2024 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Arts in Baroque Studies – M.A. – taħt il-patroċinju tal-Istitut Internazzjonali għall-Istudji fil-Barokk.

L.N. 118 of 2024: Education Act (Cap. 327); Bye-Laws of 2024 to amend the Bye-Laws of 2010 in terms of the General Regulations for University Postgraduate Awards, 2021 for the Degree of Master of Arts in Baroque Studies – M.A. – under the auspices of the International Institute for Baroque Studies.

A.L. 119 tal-2024: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); L-Ordinamenti tal-2024 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2015 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għall-Master Chef Diploma – M. Chef Dip. – taħt il-patroċinju tal-Istitut għat-Turiżmu, l-Ivvjaġġar u l-Kultura.

L.N. 119 of 2024: Education Act (Cap. 327); Bye-Laws of 2024 to amend the Bye-Laws of 2015 in terms of the General Regulations for University Undergraduate Awards, 2019 for the Master Chef Diploma – M. Chef Dip. – under the auspices of the Institute for Tourism, Travel and Culture.

A.L. 120 tal-2024: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); L-Ordinamenti tal-2024 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Conservation – M.Cons. – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Ambjent Mibni.

L.N. 120 of 2024: Education Act (Cap. 327); Bye-Laws of 2024 in terms of the General Regulations for University Postgraduate Awards, 2021 for the Degree of Master of Conservation – M.Cons. – under the auspices of the Faculty for the Built Environment.

A.L. 121 tal-2024: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); L-Ordinamenti tal-2024 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Postgraduate Diploma in Real Estate Valuations and Investments – P.G. Dip. – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Ambjent Mibni.

L.N. 121 of 2024: Education Act (Cap. 327); Bye-Laws of 2024 in terms of the General Regulations for University Postgraduate Awards, 2021 for the Postgraduate Diploma in Real Estate Valuations and Investments – P.G. Dip. – under the auspices of the Faculty for the Built Environment.

A.L. 122 tal-2024: Att dwar l-Agrikoltura (Kap. 639); Regolamenti tal-2024 dwar il-Kategorizzazzjoni tal-Bdiewa.

L.N. 122 of 2024: Agriculture Act (Cap. 639); Categorisation of Farmers Regulations, 2024.

A.L. 123 tal-2024: Att dwar il-Protezzjoni Ċivili (Kap. 411); Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Pensjonijiet tal-Protezzjoni Ċivili.

L.N. 123 of 2024: Civil Protection Act (Cap. 411); Civil Protection Pensions (Amendment) Regulations, 2024.

A.L. 124 tal-2024: Att dwar il-Pulizija (Kap. 164); Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Raba' Skeda li tinsab mal-Att dwar il-Pulizija (Emenda Nru 2).

L.N. 124 of 2024: Police Act (Cap. 164); Police Act (Amendment of Fourth Schedule) (Amendment No. 2) Regulations, 2024.

A.L. 125 tal-2024: Att dwar il-Ħabs (Kap. 260); Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Pensjonijiet għal min jaħdem fil-Ħabs.

L.N. 125 of 2024: Prisons Act (Cap. 260); Prisons Pensions (Amendment) Regulations, 2024.

A.L. 126 tal-2024: Att dwar il-Forzi Armati ta' Malta (Kap. 220); Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar in-Nomini u l-Kondizzjonijiet tas-Servizz tal-Forza Regolari tal-Forzi Armati ta' Malta.

L.N. 126 of 2024: Malta Armed Forces Act (Cap. 220); Appointments and Conditions of Service of the Regular Force (Amendment) Regulations, 2024.

A.L. 127 tal-2024: Att dwar l-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni (Kap. 623); Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Liċenzjar għall-Industrija tal-Kostruzzjoni (Emenda Nru 2).

L.N. 127 of 2024: Building and Construction Authority Act (Cap. 623); Construction Industry Licensing (Amendment No. 2) Regulations, 2024.

L-4 ta' Ġunju, 2024

4th June, 2024

Nru. 668

No. 668

WARRANT MILL-MINISTRU GĦALL-ĠUSTIZZJA U R-RIFORMA TAS-SETTUR TAL-KOSTRUZZJONI

WARRANT BY THE MINISTER FOR JUSTICE AND REFORM OF THE CONSTRUCTION SECTOR

NGĦARRFU illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-Artikolu (3) tal-Ordinanza dwar il-Kummissjunajri b'Setgħa li Jagħtu Ġurament (Kap. 79), il-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni ħatar bħala Kummissjunarji b'Setgħa li Jagħtu Ġurament, fil-qadi tad-doveri tagħhom u sakemm jibqgħu fil-kariga, lill-imsemmija hawn taħt:

IT is notified that in exercise of such powers as provided by Article (3) of the Commissioners for Oaths Ordinance (Cap. 79) the Minister for Justice and Reform of the Construction Sector appointed as Commissioners for Oaths, in the performance of their duties and for as long as they remain in such office, the undermentioned:

Avukati
Grech, Dott. Joseph Mark
Martinelli, Dott. Andrea
Muscat, Dott. Chantel
Scicluna, Dott. Kris
Tanti, Dott. Karl John

Advocates
Grech, Dr Joseph Mark
Martinelli, Dr Andrea
Muscat, Dr Chantel
Scicluna, Dr Kris
Tanti, Dr Karl John

B'Awtorità
JONATHAN ATTARD
Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni

By Authority
JONATHAN ATTARD
Minister for Justice and Reform of the Construction Sector

L-4 ta' Ġunju, 2024
MFJG 21/2022

4th June, 2024

Nru. 669

No. 669

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI (KUMMERĊ)

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL (COMMERCE)

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi approva l-ħatra temporanja li ġejja:

THE Permanent Secretary in the Ministry for the Economy, Enterprise and Strategic Projects has approved the following Acting Appointment.

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Is-Sur Brian Montebello	Direttur Ġenerali *Director General*	Kummerċ *Commerce*	3.6.24 - 7.6.24

L-4 ta' Ġunju, 2024

4th June, 2024

Nru. 670

ATT DWAR IL-PROFESSJONI TAL-PSIKOLOĠIJA (KAP. 471)

Bord dwar il-Professjoni tal-Psikoloġija f'Malta

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd li bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4 tal-Att dwar il-Professjoni tal-Psikoloġija (Kap. 471), u għall-finijiet ta' dak l-Att, il-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal approva l-ħatra tal-Bord dwar il-Professjoni tal-Psikoloġija f'Malta, kif ġej:

Il-perjodu tal-kariga tal-membri hawn taħt imsemmija huwa għal perjodu ta' sentejn b'seħħ mit-2 ta' Mejju, 2023

Chairperson
Dott. Kevin Sammut Henwood, B.Psy (Hons) (Melit), MSc (Surr.), D. Foren. Psy. (Nott.)

Membri
Dott. Anita Giordimaina, LLD
Dott. Priscilla Muscat, B.Psy (Hons), M.Sc. (Health Psy), PhD
Is-Sa Erika Muscat Genovese, B.Psy (Hons), MA Inclusive Educ. and Communities, M.Psy

Segretarja
Is-Sa Deborah Cassar

Il-perjodu tal-kariga tal-membri hawn taħt imsemmija huwa ta' sentejn b'seħħ mit-30 ta' Mejju 2024.

Membri
Dott. Anna Grech, B.Psych., M.Phil., PhD
Dott. Paul Daniel Micallef, BA, D.Clin. Psych., C.Psychol., AFBPsyS
Is-Sa Jo Christine Scicluna, M. Psy., BA (Hons) Psych., PGCE, Dip. in App. Sys. Proc., Cert. in Play Therapy

L-4 ta' Ġunju, 2024

Nru. 671

AWTORITÀ TA' MALTA DWAR IR-RIŻORSI

NOTIFIKA ta' sorsi tal-ilma ta' taħt l-Art milqugħa mill-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi bejn l-1 ta' Jannar, 2024 u 9 ta' Mejju, 2024.

Konformi mar-Regolament 3A(2) tar-Regolamenti dwar in-notifika ta' sorsi tal-ilma ta' taħt l-Art, l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi qed tippubblika d-dettalji li ġejjin dwar applikazzjonijiet li ġew validament irċevuti skont Regolament 3A(1) ta' dawn ir-regolamenti:

No. 670

PSYCHOLOGY PROFESSION ACT (CAP. 471)

Malta Psychology Profession Board

IT is hereby notified for general information that in exercise of the powers conferred by section 4 of the Psychology Profession Act (Cap. 471), and for the purpose of that Act, the Minister for Social Policy and Children's Rights has approved the appointment of the Malta Psychology Profession Board as follows:

The term of office of the members listed hereunder is for a period of two years with effect from 2nd May, 2023.

Chairperson
Dr Kevin Sammut Henwood, B.Psy (Hons) (Melit), MSc (Surr.), D. Foren. Psy. (Nott.)

Members
Dr Anita Giordimaina, LLD
Dr Priscilla Muscat, B.Psy (Hons), M.Sc. (Health Psy), PhD
Ms Erika Muscat Genovese, B.Psy (Hons), MA.Inclusive Educ. and Communities, M.Psy

Secretary
Ms Deborah Cassar

The term of office of the members listed hereunder is for a period of two years with effect from 30th May, 2024.

Members
Dr Anna Grech, B.Psych., M.Phil., PhD
Dr Paul Daniel Micallef, BA, D.Clin. Psych., C.Psychol., AFBPsyS
Ms Jo Christine Scicluna, M. Psy., BA (Hons) Psych., PGCE, Dip. in App. Sys. Proc., Cert. in Play Therapy

4th June, 2024

No. 671

MALTA RESOURCES AUTHORITY

NOTIFICATION of ground water sources validly received by the Malta Resources Authority between 1st January, 2024 and 9th May, 2024.

In accordance with Regulation 3A(2) of the Notification of Groundwater Sources Regulations, the Malta Resources Authority is publishing the following details of applications validly received in accordance with Regulation 3A(1) of said regulations:

Numru ta' Notifika MRA/BH/2822/08 – Sors f' Ta' Macca, l-Armier, il-Mellieħa

Dan is-sors jikkwalifika skont Regolament 3A(1)(b) peress li s-sors jikkonsisti f'xaft usa' minn tliet (3) piedi ta' dijametru li jkun jinsab f'żona ta' catchment tal-ilma tal-wiċċ ta' akwifer kostali u li jintuża biex jittella' l-ilma minn fuq il-formazzjoni ta' tafal blu. L-applikant ipprovda provi tal-eżistenza tas-sors tal-ilma ta' taħt l-art qabel is-sena 1992.

Numru ta' Notifika MRA/BH/2823/08 – Sors fix-Xagħra tax-Xini, ir-Rabat

Dan is-sors jikkwalifika skont Regolament 3A(1)(b) peress li s-sors jikkonsisti f'xaft usa' minn tliet (3) piedi ta' dijametru li jkun jinsab f'żona ta' catchment tal-ilma tal-wiċċ ta' akwifer ta' fuq it-tafal u li jintuża biex jittella' l-ilma minn fuq il-formazzjoni ta' tafal blu. L-applikant ipprovda provi tal-eżistenza tas-sors tal-ilma ta' taħt l-art qabel is-sena 1992.

L-4 ta' Ġunju, 2024

Notification number MRA/BH/2822/08 – Source at Ta' Macca, Armier, Mellieħa

This source qualified under Regulation 3A(1)(b) in that the source consists of a shaft wider than three (3) feet in diameter located in the surface catchment area of a coastal aquifer and used to draw water from above the blue clay formation. The applicant presented proof of the existence of the groundwater source before the year 1992.

Notification number MRA/BH/2823/08 – Source at ix-Xagħra tax-Xini, ir-Rabat

This source qualified under Regulation 3A(1)(b) in that the source consists of a shaft wider than three (3) feet in diameter located in the surface catchment area of a perched aquifer and used to draw water from above the blue clay formation. The applicant presented proof of the existence of the groundwater source before the year 1992.

4th June, 2024

Nru. 672

AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

Notifika ta' Affissjoni ta' Avviż

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi skont ir-Regolament Nru. 10 tal-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 573.06, twaħħal avviż fuq l-artijiet hawn taħt indikati li permezz tal-istess affissjoni, l-ko-inkwilini ġja rikonoxxuti in solidum qegħdin jiġu notifikati dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjoni li saret fuq l-istess art minn ko-inkwilini oħra. L-applikant huwa responsabbli li jiżgura li l-avviż jibqa' hekk imwaħħal fuq il-post għal ħamest (5) ijiem tax-xogħol mid-data tat-twaħħil.

F'każ li l-avviż jitneħħa minn kwalunkwe persuna qabel l-iskadenza tal-perjodu indikat, l-applikant għandu jikkuntattja lill-Awtorità tal-Artijiet fuq (enforcement.la@landsauthority.org.mt), sabiex l-avviż jerġa' jitwaħħal fuq il-post.

L-4 ta' Ġunju, 2024

No. 672

LANDS AUTHORITY

Notification of Affixation of Notice

IT is notified for general information that in terms of Regulation No. 10 of Subsidiary Legislation 573.06, a notice has been affixed on the hereunder indicated sites informing co-tenants recognised in solidum with the submission of the application that has been made by other co-tenants on the same land. Applicant is responsible to ensure that the notice is to remain affixed on site for five (5) working days from the date of affixation.

If the notice is removed by third parties prior to the expiry of such date, the applicant must contact the Lands Authority on (enforcement.la@landsauthority.org.mt), so that the notice is re-affixed on site.

4th June, 2024

Nru. tal-Applikazzjoni *Application No.*	Nru. tal-Proprjetà/Tenement *Property/Tenement No.*	Deskrizzjoni tal-Proprjetà *Property Description*	Talba *Request*
AGRI 1/2021/0796	50780-008	Raba 10th ptn il-Minżel - ŻEJTUN	Transfer of agricultural lease rights onto a third-party farmer
AGRI 1/2021/0976	Z50270-004	Raba Ta' Anastas - SANNAT	Transfer of agricultural lease rights onto a third-party farmer
AGRI 1/2023/0639	50804-004	Raba Tal-Mejdiet - ŻURRIEQ	Transfer of agricultural lease rights onto a third-party farmer
AGRI 1/2024/0211	50256-003	Raba 5th ptn Ta' Żebbuġija/ Latnija - MOSTA	Transfer of agricultural lease rights onto a third-party farmer

No. 673

DIPARTIMENT TAR-RELAZZJONIJIET INDUSTRIJALI U TAL-IMPIEG

Noti ta' Spjegazzjoni

1. Introduzzjoni

Titolu tar-Regolamenti	Regolamenti tal-2024 dwar ħaddiema Temporanji Permezz ta' Aġenzija
Attività li se tiġi regolata	Aġenziji ta' xogħol temporanju
Entità responsabbli	Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impieg

2. Sommarju u sfond

Il-leġiżlazzjoni sussidjarja attwali 452.106 hija t-traspożizzjoni tad-Direttiva 2008/104/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tittratta l-aġenziji temporanji u l-attività operattiva tagħhom fi ħdan l-Unjoni Ewropea. Minħabba għadd ta' fatturi makro-ekonomiċi li ġabu bidliet fil-karatteristiċi tas-Suq tax-Xogħol Malti, b'mod partikolari l-mobbilità soċjali mgħaġġla tal-impjegati Maltin u t-tixjiħ tal-popolazzjoni Maltija, kien meħtieġ li jiġi importat volum konsiderevoli ta' ħaddiema barranin f'perjodu ta' żmien relattivament qasir. Dan sar, biex tiġi sodisfatta ż-żieda fid-domanda għall-impjegati f'diversi setturi, peress li l-istess domanda msemmija ma setgħetx tiġi sodisfatta bl-impjegati Maltin .

L-iskop tar-reviżjonijiet u ż-żidiet tal-L.S 452.106: Ir-Regolamenti dwar il-Ħaddiema Temporanji permezz ta' Aġenzija huwa biex jindirizza id-diversi anomaliji li eventwalment kienu qed ixekklu l-ugwaljanza fit-trattament tal-ħaddiema temporanji permezz ta' aġenzija, vis-à-vis l-impjegati tal-impriżi utenti.

2.1 L-importanza tar-Regolamenti

Dawn ir-reviżjonijiet u ż-żidiet huma maħsuba biex iżidu l-protezzjoni lill-ħaddiem temporanju permezz ta' aġenzija u jeliminaw l-isfruttament tal-ħaddiema, speċjalment fil-kuntest tal-fatt li l-maġġoranza tal-ħaddiema temporanji permezz ta' aġenzija huma Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi (TCNs).

2.2 Konsultazzjoni Pubblika

Saru konsultazzjonijiet mal-Bord tar-Relazzjonijiet dwar l-Impjiegi. Il-Bord għar-Relazzjonijiet fl-Impjiegi huwa Bord tripartitiku li jinkludi wkoll rappreżentanti tat-trade union u tal-assoċjazzjonijiet ta' min iħaddem kif stipulat fl-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 452), minn hawn'il quddiem imsejjaħ l-Att.

3. Ħarsa ġenerali lejn l-istruttura tal-istrument

Regolament 1 – Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2025.

Regolament 2 – It-tifsira ta' "assenjazzjoni" qed tiġi riveduta billi tiżdied il-kelma "kontroll", l-istess jgħodd għad-definizzjoni ta' "ħaddiem temporanju permezz ta' aġenzija". It-tifsira ta' "aġenzija ta' xogħol temporanju" ġiet riveduta biex tinkludi l-kunċett li aġenzija ta' xogħol temporanju tista' tkun kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li l-oġġetti tagħha jinkludu t-twettiq tal-attivitajiet rilevanti kif ukoll attivitajiet, anċillari jew inċidentali għalihom, iżda ma għandix tinkludi oġġetti li mhumiex kompatibbli mas-servizzi ta' aġenzija tax-xogħol temporanju. Min-naħa l-oħra, ġiet introdotta tifsira ġdida ta' "aġenzija tal-outsourcing".

Regolament 3 – Permezz taż-żieda tal-paragrafu (b) mas-subregolament (3) għar-regolament 3, dawn ir-regolamenti m'għandhomx japplikaw għal kull wieħed mill-każijiet fejn liċenzja ma tkunx meħtieġa skont ir-Regolamenti tal-Aġenziji

tal-Impjieg (SL.452.130). Is-subregolament (4) tar-regolament 3 jistipula wkoll li fil-każ ta' kwalunkwe differenza fil-kondizzjonijiet bażiċi tax-xogħol u tal-impjieg applikabbli fi kwalunkwe kuntratt individwali jew fi kwalunkwe ftehim kollettiv applikabbli bis-saħħa tar-relazzjoni ta' impjieg bejn il-ħaddiem temporanju permezz ta' aġenzija u l-aġenzija tax-xogħol temporanja u dawk applikabbli fl-impriża tal-utenti, il-kondizzjonijiet bażiċi tax-xogħol u tal-impjieg l-aktar favorevoli għandhom jipprevalu u jkunu applikabbli għall-ħaddiem temporanju ta' aġenzija.

Regolament 4 Fis-subparagrafu (2)(a) il-kelma "paga" ġiet sostitwita bil-kliem "rata ta' remunerazzjoni" u fis-subparagrafu (2)(g) il-kliem "liv annwali" ġew sostitwiti bil-kliem "drittijiet għal leave annwali statutorju". Permezz tal-inklużjoni tas-subregolament 4 għar-regolament 4 ġie introdott il-prinċipju ta' eżenzjoni mid-dispożizzjonijiet tal-artikolu 27 tal-Att sal-punt li kwalunkwe inugwaljanza tista' tirriżulta minn kwalunkwe differenza fir-rata ta' remunerazzjoni u fil-kondizzjonijiet bażiċi tax-xogħol u tal-impjieg ta' ħaddiema temporanji permezz ta' aġenzija li jaħdmu fl-istess klassi ta' impjieg iżda ma' "impriżi utenti" differenti. Id-dispożizzjonijiet ġew inklużi wkoll sabiex jekk ir-rata ta' remunerazzjoni u, jew il-kondizzjonijiet bażiċi tax-xogħol u tal-impjieg tal-ħaddiem temporanju permezz ta' aġenzija jkunu aktar favorevoli minn dawk ta' impjegat komparabbli tal-impriża tal-utenti, ir-rata ta' remunerazzjoni u, jew il-kondizzjonijiet bażiċi tax-xogħol u tal-impjieg tal-ħaddiem temporanju permezz ta' aġenzija għandhom jipprevalu u jkunu applikabbli għall-ħaddiem temporanju permezz ta' aġenzija. L-impjegati ingaġġati direttament mill-impriża utenti ma għandu jkollhom l-ebda dritt li jitolbu ksur tal-prinċipju ta' xogħol ta' valur ugwali. Ġiet inkluża dispożizzjoni oħra sabiex jekk ir-rata ta' remunerazzjoni u, jew il-kondizzjonijiet bażiċi tax-xogħol tal-ħaddiem temporanju permezz ta' aġenzija jkunu inqas favorevoli minn dawk ta' impjegat komparabbli tal-impriża utenti, ir-rata ta' remunerazzjoni u, jew il-kondizzjonijiet bażiċi tax-xogħol u tal-impjieg tal-impjegat komparabbli tal-impriża utenti għandhom jipprevalu u jkunu applikabbli għall-ħaddiem temporanju permezz ta' aġenzija. Jekk il-ħaddiem temporanju permezz ta' aġenzija u l-impjegat tal-impriża tal-utenti jkunu koperti minn ftehim kollettiv, il-ftehim kollettiv bl-aktar rati favorevoli ta' remunerazzjoni u, jew il-kondizzjonijiet bażiċi tax-xogħol u tal-impjieg għandu jkun applikabbli għall-ħaddiema temporanji permezz ta' aġenzija. L-ebda dispożizzjoni f'dawn ir-regolamenti ma għandha tiġi interpretata li tippermetti kwalunkwe forma ta' diskriminazzjoni diretta jew indiretta fil-pagi bbażata fuq is-sess fost l-impjegati, inklużi l-ħaddiema temporanji permezz ta' aġenzija.

Regolament 6 - Il-prinċipju tal-ebda ħlas li għandu jintalab mill-impriża tal-utenti lill-ħaddiem temporanju permezz ta' aġenzija, skont ir-regolament 6 il-ġdid huwa estiż biex jinkludi wkoll l-ebda talba għal ħlas lil ħaddiema temporanji permezz ta' aġenzija għall-assenjazzjoni lil impriża tal-utenti f'termini ta' dawn l-istess regolamenti msemmija..

Regolament 13 - Estensjoni tal-applikabbiltà tar-regolamenti 3 sa 12, permezz tar-regolament 13 il-ġdid ġiet estiża għall-aġenziji ta' outsourcing u għandha tapplika għall-attivitajiet kollha ta' impriżi tal-utenti partikolari, kemm jekk attivitajiet bħal dawn huma attivitajiet anċillari jew ewlenin kif ukoll jekk le, tal-aġenzija ta' outsourcing li qed tassenja.

Regolament 14 – Revoka tar-Regolamenti dwar ħaddiema Temporanji permezz ta' Aġenzija. (L.S. 452.106)

4. Kummentarju dwar partijiet u regolamenti

Fil-każ tar-regolament 2, it-tifsira ta' "assenjazzjoni" ssaħħet bl-inklużjoni tat-terminu 'kontroll'. L-inklużjoni tat-tifsira ta' "aġenzija tal-outsourcing" kienet meħtieġa biex tirrifletti l-prattiki attwali tax-xogħol fis-settur tal-aġenziji tax-xogħol temporanju. Iż-żidiet fit-tifsira ta' "aġenzija tax-xogħol temporanju" kienu meħtieġa sabiex jiggarantixxu l-kompletezza tat-terminu.

Permezz tal-inklużjoni tal-paragrafu (b) fis-subregolament (3) tar-regolament 3, hemm imfisser b'mod ċar liema impriżi huma esklużi mill-applikazzjoni tar-Regolamenti dwar il-Ħaddiema Temporanji permezz ta' Aġenzija. Is-subregolament (4) tar-regolament 3 jistipula wkoll li fil-każ ta' kwalunkwe differenza fil-kondizzjonijiet bażiċi tax-xogħol u tal-impjieg applikabbli fi kwalunkwe kuntratt individwali jew fi kwalunkwe ftehim kollettiv applikabbli bis-saħħa tar-relazzjoni ta' impjieg li jkun hemm bejn il-ħaddiem temporanju permezz ta' aġenzija u l-aġenzija tax-xogħol temporanja u dawk applikabbli f'impriża tal-utenti, il-kondizzjonijiet bażiċi tax-xogħol u tal-impjieg l-aktar favorevoli għandhom jipprevalu u jkunu applikabbli għall-ħaddiem temporanju permezz ta' aġenzija.

Fis-subparagrafu (2)(a) tar-regolament 4, il-kelma "paga" ġiet sostitwita bil-kliem "rata ta' remunerazzjoni" u fis-subparagrafu (2)(g) tar-regolament 4 il-kliem "leave annwali" ġew sostitwiti bil-kliem "drittijiet għal leave annwali statutorju". Permezz tal-inklużjoni tas-subregolament (4) għar-regolament 4 ġie introdott il-prinċipju ta' eżenzjoni mid-dispożizzjonijiet tal-artikolu 27 tal-Att sal-punt li kwalunkwe inugwaljanza tista' tirriżulta minn kwalunkwe differenza fir-rata ta' remunerazzjoni u fil-kondizzjonijiet bażiċi tax-xogħol u tal-impjieg tal-ħaddiema temporanji permezz ta' aġenzija li jaħdmu fl-istess klassi ta' impjieg iżda ma' "impriżi tal-utenti" differenti. Id-dispożizzjonijiet ġew inklużi wkoll sabiex jekk ir-rata ta' remunerazzjoni u, jew il-kondizzjonijiet bażiċi tax-xogħol u tal-impjieg tal-ħaddiem temporanju permezz ta' aġenzija jkunu aktar favorevoli minn dawk ta' impjegat komparabbli tal-impriża tal-utenti, ir-rata ta' remunerazzjoni u, jew il-kundizzjonijiet bażiċi tax-xogħol u tal-impjieg tal-ħaddiem temporanju permezz ta' aġenzija għandhom jipprevalu u jkunu applikabbli għall-ħaddiem temporanju permezz ta' aġenzija. L-impjegati ingaġġati direttament mill-impriża tal-utenti ma għandu jkollhom l-ebda dritt li jitolbu ksur tal-prinċipju ta' xogħol ta' valur ugwali. Ġiet inkluża dispożizzjoni oħra sabiex jekk ir-rata ta' remunerazzjoni u, jew il-kondizzjonijiet bażiċi tax-xogħol tal-ħaddiem temporanju permezz ta' aġenzija jkunu inqas favorevoli minn dawk ta' impjegat komparabbli tal-impriża tal-utenti, ir-rata ta' remunerazzjoni u, jew il-kondizzjonijiet bażiċi tax-xogħol u tal-impjieg tal-impjegat komparabbli tal-impriża tal-utenti għandhom jipprevalu u jkunu applikabbli għall-ħaddiem temporanju permezz ta' aġenzija. Jekk il-ħaddiem temporanju permezz ta' aġenzija u l-impjegat tal-impriża tal-utenti jkunu koperti minn ftehim kollettiv, il-ftehim kollettiv bl-aktar rati favorevoli ta' remunerazzjoni u, jew il-kundizzjonijiet bażiċi tax-xogħol u tal-impjieg għandu jkun applikabbli għall-ħaddiema temporanji permezz ta' aġenzija. L-ebda dispożizzjoni f'dawn ir-regolamenti m'għandha tiġi interpretata li tippermetti kwalunkwe forma ta' diskriminazzjoni diretta jew indiretta fil-pagi bbażata fuq is-sess fost l-impjegati, inklużi l-ħaddiema temporanji permezz ta' aġenzija.

Il-prinċipju tal-ebda ħlas li għandu jintalab mill-impriża tal-utenti lill-ħaddiem temporanju permezz ta' aġenzija, skont ir-regolament 6 il-ġdid huwa estiż sabiex jinkludi wkoll l-ebda talba għal ħlas lil ħaddiema temporanji permezz ta' aġenzija għall-assenjazzjoni lil impriża tal-utenti f'termini ta' dawn l-istess regolamenti.

Fir-rigward tar-regolament 13, l-estensjoni tal-applikabbiltà tar-regolamenti 3 sa 12, kienet meħtieġa sabiex tiġi aċċertata l-applikabbiltà tal-istess regolamenti għall-attivitajiet tal-aġenziji ta' outsourcing.

5. Taqsima tal-għeluq

Bis-saħħa ta' dawn ir-regolamenti, il-miżuri msemmija hawn fuq se jidħlu fis-seħħ u r-Regolamenti dwar ħaddiema Temporanji permezz ta' Aġenzija (L.S. 452.106) qegħdin b'dawn ir-regolamenti jiġu revokati.

N.B. Din in-Nota ta' Spjegazzjoni mhijiex maħsuba biex tkun deskrizzjoni eżawrjenti tal-istrument u lanqas sostitut tiegħu jew suppliment leġiżlattiv għalih. Din in-Nota ma tfissirx li hija deċiżjoni awtorevoli dwar l-interpretazzjoni tal-leġiżlazzjoni.

Informazzjoni ta' kuntatt:
Department for Industrial and Employment Relations
121, Melita Street
Valletta - Malta,
VLT 1121

Telephone:
1575 for employees
1576 for employers

Email:
(info.dier@gov.mt)

L-4 ta' Ġunju, 2024

No. 673

DEPARTMENT FOR INDUSTRIAL AND EMPLOYMENT RELATIONS

Explanatory Note

1. Introduction

Title of Regulations	Temporary Agency Workers Regulations, 2024
Activity to be regulated	Temping Agencies
Responsible entity	Department for Industrial and Employment Relations

2. Summary and background

The current subsidiary lgislation 452.106 is the transposition of the Directive 2008/104/EC of the European Parliament and the Council dealing with temporary agencies and their operational activity within the European Union. Due to a number of Macro-economic factors that brought about changes in the features of the Maltese Labour Market, notably the rapid social mobility of Maltese employees and the ageing of the Maltese population, it was necessary to import a considerable volume of foreign workers in a relatively short period of time. This was done, to satisfy the increase in demand for employees in various sectors, given that the same mentioned demand could not be satisfied with the employable native employees.

The scope of the revisions and additions to S.L. 452.106: Temporary Agency Workers Regulations is to address the several anomalies that eventually were hindering the equality in treatment of the temporary agency workers, vis-à-vis the user undertakings' employees.

2.1 Importance of Regulations

These revisions and additions are intended to add protection to the temporary agency worker and eliminate labour exploitation, especially in the context of having the majority of temporary agency workers, being Third-County Nationals (TCNs).

2.2 Public Consultation

Consultations were held with the Employment Relations Board. The Employment Relations Board is a tripartite Board which comprises also trade unions and employers' associations representatives as stipulated in the Employment and Industrial Relations Act (Cap 452), hereinafter referred to as the Act.

3. Overview of the structure of the instrument

Regulation 1 – These regulations shall come into force on 1st January 2025.

Regulation 2 - The definition "assignment" is being revised by adding the word "control", the same goes for the definition of "temporary agency worker". The definition "temporary work agency" has been revised to include the concept that a temporary work agency can be any natural or legal person whose objects include the carrying out of the relevant activities as well as activities, ancillary or incidental thereto, but do not include objects which are not compatible with the services of a temporary work agency. On the other hand, a new definition of "outsourcing agency" has been introduced.

Regulation 3 – By means of the addition of paragraph (b) to sub-regulation (3) of regulation 3 these regulations shall not apply to each of the cases where a license is not required under the Employment Agencies Regulations (SL.452.130). Sub-regulation (4) of regulation 3 also stipulates that in the event of any difference in the basic working and employment conditions

applicable in any individual contract or in any collective agreement applicable by virtue of the employment relationship arising between the temporary agency worker and the temporary work agency and those applicable at a user undertaking, the most favourable basic working and employment conditions shall prevail and be applicable to the temporary agency worker.

Regulation 4 In sub-paragraph (2)(a) the word "pay" was substituted by the words "rate of remuneration" and in sub-paragraph (2)(g) the words "annual leave" were substituted by the words "statutory annual leaves entitlements". By means of the inclusion of sub-regulation (4) to regulation 4 a principle was introduced of exemption from the provisions of article 27 of the Act to the extent that any inequality that may arise from any difference in the rate of remuneration and in the basic working and employment conditions of temporary agency workers who work in the same class of employment but with different 'user undertakings'. Provisions were also included in order that if the rate of remuneration and, or the basic working and employment conditions of the temporary agency worker are more favourable than those of a comparable employee of the user undertaking, the rate of remuneration and, or basic working and employment conditions of the temporary agency worker shall prevail and be applicable to the temporary agency worker. Employees engaged directly by the user undertaking shall have no right to claim a breach of the principle of work of equal value. Another provision was included in order that if the rate of remuneration and, or the basic working conditions of the temporary agency worker are less favourable than those of a comparable employee of the user undertaking, the rate of remuneration and, or the basic working and employment conditions of the comparable employee of the user undertaking shall prevail and be applicable to the temporary agency worker. If the temporary agency worker and the employee of the user undertaking are covered by a collective agreement, the collective agreement with the most favourable rates of remuneration and, or the basic working and employment conditions shall be applicable to the temporary agency workers. No provision within these regulations shall be interpreted to permit any form of direct or direct pay discrimination based on gender among employees, including temporary agency workers.

Regulation 6 - The principle of no payment to be demanded by the user undertaking to temporary agency worker, under the new regulation 6 is extended to also include no payment demand to temporary agency workers for the assignment to a user undertaking in terms of these same mentioned regulations.

Regulation 13 - Extension of applicability of regulations 3 to 12, by means of the new regulation 13 has been extended to outsourcing agencies and shall apply to all activities of given user undertakings, whether such activities are ancillary or core activities, of the assigning outsourcing agency.

Regulation 14 – Revocation of the Temporary Agency Workers Regulations. (S.L. 452.106)

4. Commentary on parts and regulations

In the case of regulation 2, the definition of "assignment" has been strengthened by the inclusion of the term 'control'. The inclusion of the definition of "outsourcing agency" was necessary to reflect the current labour practices in the sector of temping agencies. The additions in the definition of "temporary work agency" was necessary to guarantee the comprehensiveness of the term.

By means of the inclusion of paragraph (b) to sub-regulation 3 of regulation 3, there is clearly defined which undertakings are excluded from the application of the Temporary Agency Workers Regulations. Sub-regulation (4) of regulation 3 also stipulates that in the event of any difference in the basic working and employment conditions applicable in any individual contract or in any collective agreement applicable by virtue of the employment relationship arising between the temporary agency worker and the temporary work agency and those applicable at a user undertaking, the most favourable basic working and employment conditions shall prevail and be applicable to the temporary agency worker.

Sub-regulation (4) of regulation 3 also stipulates that in the event of any difference in the basic working and employment conditions applicable in any individual contract or in any collective agreement applicable by virtue of the employment relationship arising between the temporary agency worker and the temporary work agency and those applicable at a user undertaking, the most favourable basic working and employment conditions shall prevail and be applicable to the temporary agency worker.

In sub-paragraph (2)(a) of regulation 4 the word "pay" was substituted by the words" rate of remuneration" and in sub-paragraph (2)(g) of regulation 4 the words "annual leave" were substituted by the words "statutory annual leaves entitlements". By means of the inclusion of sub-regulation (4) to regulation 4 the principle of exemption was introduced from the provisions of article 27 of the Act to the extent that any inequality may arise from any difference in the rate of remuneration and in the basic working and employment conditions of temporary agency workers who work in the same class of employment but with different 'user undertakings'. Provisions were also included in order that if the rate of remuneration and, or the basic working and employment conditions of the temporary agency worker are more favourable than those of a comparable employee of the user undertaking, the rate of remuneration and, or basic working and employment conditions of the temporary agency

worker shall prevail and be applicable to the temporary agency worker. Employees engaged directly by the user undertaking shall have no right to claim a breach of the principle of work of equal value. Another provision was included in order that if the rate of remuneration and, or the basic working conditions of the temporary agency worker are less favourable than those of a comparable employee of the user undertaking, the rate of remuneration and, or the basic working and employment conditions of the comparable employee of the user undertaking shall prevail and be applicable to the temporary agency worker. If the temporary agency worker and the employee of the user undertaking are covered by a collective agreement, the collective agreement with the most favourable rates of remuneration and, or the basic working and employment conditions shall be applicable to the temporary agency workers. No provision within these regulations shall be interpreted to permit any form of direct or indirect pay discrimination based on gender among employees, including temporary agency workers.

The principle of no payment to be demanded by the user undertaking to temporary agency worker, under the new regulation 6 is extended to also include no payment demand to temporary agency workers for the assignment to a user undertaking in terms of these regulations.

With regards to regulation 13, the extension of applicability of regulations 3 to 12, were necessary to ascertain the applicability of the same mentioned regulations for the activities of outsourcing agencies.

5. Concluding section

By virtue of these proposed regulations, the measures mentioned above will enter into force, and Temporary Agency Workers Regulations (S.L. 452.106) are being revoked.

N.B. This Explanatory Note is not intended to be an exhaustive description of the instrument nor a substitute thereof or a legislative supplement to it. This Note does not purport to be an authoritative ruling on the interpretation of the legislation.

Contact information:
Department for Industrial and Employment Relations
121, Melita Street
Valletta - Malta,
VLT 1121

Telephone:
1575 for employees
1576 for employers

Email:
(info.dier@gov.mt)

4th June, 2024

No. 674

MALTA BUSINESS REGISTRY

Avviż tar-Reġistratur tal-Persuni Ġuridiċi

SKONT is-subartikolu (2) tal-Artikolu 68 tat-Tieni Skeda tal-Kodiċi Ċivili, ir-Reġistratur tal-Persuni Ġuridiċi jgħarraf illi l-organizzazzjonijiet hawn taħt imsemmija għandhom jitqiesu bħala xolti u isimhom jitħassar minn fuq ir-reġistru f'għeluq tliet xhur mid-data ta' dan l-avviż, sakemm ma tintweriex raġuni biex isir il-kuntrarju.

L-attiv tal-organizzazzjonijiet msemmija jgħaddi skont kif jingħad fuq l-istatut jew f'każ li ma hemmx statut, kif imsemmi fit-Tieni Skeda tal-Kodiċi Ċivili f'każ ta' xoljiment, meta isimhom jitħassar minn fuq ir-reġistru.

L-4 ta' Ġunju, 2024

Isem *Name*	Numru ta' Reġistrazzjoni *Registration number*
TELEFONO ARCOBALENO MALTA	LPA 2
ZEBBUG BUSINESS ASSOCIATION	LPA 7
INIA SATELLITE ASEAN CENTRE ON AGEING (ISACA)	LPA 32
CLING FOUNDATION	PFLP 145

No. 674

MALTA BUSINESS REGISTRY

Notice by the Registrar for Legal Persons

IN terms of subsection (2) of Section 68 of the Second Schedule to the Civil Code, notice is hereby given by the Registrar for Legal Persons that the undermentioned organisations shall be struck off the register at the expiration of three months from the date of this notice, unless cause is previously shown to the contrary.

The remaining assets of the undermentioned organisations shall devolve in accordance with the provisions of the statute or in the absence of such statute, in accordance with the provisions of the Second Schedule to the Civil Code as would occur on dissolution, once their names are struck off the register.

4th June, 2024

Nru. 675

ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi, fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
4.6.2024	€69.444	€0.929

L-4 ta' Ġunju, 2024

No. 675

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT (CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that, on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consul for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:

4th June, 2024

Nru. 676

ATT DWAR L-AMMINISTRAZZJONI TAT-TAXXA (KAP. 372) U ATT DWAR IT-TAXXA FUQ IL-VALUR MIŻJUD (KAP. 406)

Avviż Skont Artikolu 29 tal-Att Dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa (Kap. 372); u Artikolu 73(2) tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Cap. 406)

SKONT id-dispożizzjonijiet tal-proviso tal-Artikolu 29(1) tal-Att tal-1994 dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa u/jew tal-Artikolu 73(2) tal-Att Dwar it-Taxxa tal-Valur Miżjud, il-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana b'dan javża lill-persuni/kumpaniji msemmija aktar 'l isfel biex imorru l-uffiċċju tal-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana, Verification and Audit Directorate, 7, Triq Il-Masġar, Ħal Qormi QRM 3217, fi żmien tletin ġurnata minn dan l-avviż sabiex jiġbru l-avviż/i maħruġa fuqhom.

Isem	*Referenza*	
Sandro Lopresti	20453A	
Darren Steven Formosa	419283M	
Rodney Degabriele	609282M	
Justin Borg	33087M	
MTrace plc	997701633	C73299
Andrew Martin Jones	522572997	
Plus 5 Gaming Limited	994872804	C47089
Yan Min Zhang	KJ0465037	
George Camilleri obo Blue Ocean Fisheries Ltd	970756334	C98989
Luca Borg	335393M	
Gabriel Ferris obo Gotit & Co. Ltd	997582219	C71977
AGV Non-Ferrous Malta Ltd	995115528	C49243
Stefan Gajic	139378A	

L-4 ta' Ġunju, 2024

No. 676

INCOME TAX MANAGEMENT ACT (CAP. 372) AND VALUE ADDED TAX ACT (CAP. 406)

Notice in terms of Article 29 of the Income Tax Management Act (Cap. 372); and Article 73(2) Value Added Tax Act, (Cap. 406)

IN terms of the proviso to Article 29(1) of the Income Tax Management Act and/or Article 73(2) of the Value Added Tax Act, the Commissioner for Tax and Customs hereby notifies the persons/companies listed hereunder to call at the Verification and Audit Directorate, Office of the Commissioner for Tax and Customs, 7, Triq il-Masġar, Ħal Qormi QRM 3217, within thirty days of this notice to collect the notice/s issued on such persons/companies.

Name	*Reference*	
Sandro Lopresti	20453A	
Darren Steven Formosa	419283M	
Rodney Degabriele	609282M	
Justin Borg	33087M	
MTrace plc	997701633	C73299
Andrew Martin Jones	522572997	
Plus 5 Gaming Limited	994872804	C47089
Yan Min Zhang	KJ0465037	
George Camilleri obo Blue Ocean Fisheries Ltd	970756334	C98989
Luca Borg	335393M	
Gabriel Ferris obo Gotit & Co. Ltd	997582219	C71977
AGV Non-Ferrous Malta Ltd	995115528	C49243
Stefan Gajic	139378A	

4th June, 2024

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 128

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont l-Avviż Legali 94/97 it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu kklassifikati bħala Żoni ta' Rmonk fid-dati u l-ħinijiet kif indikat hawn taħt.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

POLICE NOTICE

No. 128

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of L.N. 94/97 the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated hereunder on the dates and times indicated.

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the dates and times indicated.

L-Iklin

Nhar is-Sibt, 8 ta' Ġunju, 2024, mis-6.00 a.m. sa nofsillejl, minn Pjazza Ninu Cremona, Triq l-Arċisqof Ġużeppi Mercieca, Triq Mons. Carmelo Aquilina u Triq Anton Manuel Caruana.

In-Naxxar

Nhar is-Sibt, 8 ta' Ġunju, 2024, mis-6.00 a.m. sa nofsillejl, minn Triq Ġdida fit-Telgħa tal-Għaqba, Triq in-Nutar Manuel Debono, Triq l-Iskola, Triq l-Oratorju u Triq ix-Xambekk.

Ħal Għargħur

Nhar is-Sibt, 8 ta' Ġunju, 2024, mis-6.00 a.m. sa nofsillejl, minn Triq San Bartilmew u Triq San Ġwann.

San Pawl il-Baħar

Nhar is-Sibt, 8 ta' Ġunju, 2024, mill-5.00 a.m. sal-11.00 p.m., minn Triq il-Port Ruman, Triq Annetto Caruana, Triq San Ġużepp, Triq l-Iskola, Triq Patri Wistin Magro u Triq Manwel Bonnici.

Hemm bżonn clearance u trasport pubbliku se jkun affettwat.

Il-Mellieħa

Nhar is-Sibt, 8 ta' Ġunju, 2024, mill-5.00 a.m. sal-11.00 p.m., minn Triq Edward Camilleri.

Hemm bżonn clearance u trasport pubbliku se jkun affettwat.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

L-4 ta' Ġunju, 2024
